**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 90 tal-15 ta' Frar 2023 dwar meta xhud imsejjaħ quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jista' jagħżel li ma jirrispondix għal domandi**

Fis-Seduta 89 tal-14 ta' Frar 2023, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Darren Carabott, Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, qajjem dan il-punt:

"**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, nagħmel referenza għal dak li seħħ illum quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, fejn sussegwentament għar-ruling tiegħek, li tajt fl-ewwel ta' Frar 2023, ix-xhud, is-Sur Karl Cini, baqa' jinsisti li jeżerċità d-dritt tiegħu għas-silenzju. Ta numru ta' raġunijiet permezz tal-avukat difensur tiegħu. F'dan ir-rigward, u fl-istess waqt, jien tlabt lill-istess xhud sabiex jinforma lill-Kumitat liema domandi setgħu kellhom rabta mal-proċeduri kriminali, inlinea ma' dak minnek deċiż. Fil-fatt nagħmel referenza u niġbed l-attenzjoni tiegħek li matul din is-seduta ma eskludix li m'hemmx rabta ma' proċeduri kriminali ta' kuntratti mogħtija mill-Enemalta; u fl-istess waqt lanqas ma eżerċita d-dritt tiegħu li ma jirrispondix għaliex jista' jinkrimina lilu nnifsu. Baqa' ma rrispondiex, la għal l-istess domandi li saru qabel ir-ruling, u lanqas għal domandi ġodda li saru llum. Għaldaqstant, se nitolbok sabiex tipprovdi rimedju lil dan il-Kumitat fil-konfront ta' dak li ġara llum fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Fl-istess waqt nagħmel referenza għal-linji gwida bin-numru 4 u 25 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li ma rrispondiex għall-istess domandi li saru fl-aħħar seduta, u lanqas ma rrisponda għal domandi ġodda. Għaldaqstant, ai termini ta' Artikolu 11 tal-Kap. 113, nitolbok sabiex tipprovdi lil dan il-Kumitat. Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, aħna n-naħa tal-Gvern ma għandna l-ebda oġġezzjoni li din is-Sedja tagħti ruling f'dan is-sens. Ovvjament m'għandnix dubju li s-Sedja se tisma' l-proċess tal-lum tal-PAC. Nixtieq forsi niġbed l-attenzjoni ta' din il-Kamra li forsi jittieħdu inkonsiderazzjoni ż-żewġ punti li qajjem l-Avukat Tonna Lowell, li m'għandnix xi ngħidu, huwa awtorità fejn tidħol proċedura. M'għandix dubju li se tismagħhom. Fosthom ukoll li titieħed inkonsiderazzjoni in kwestjoni li semma' l-Avukat, tal-istrateġija tad-difiża. Naprezzaw li kieku r-ruling ikollna ruling water tight, ħalli anke bħala kumitat inkunu nafu way forward u ma noqgħodux kull darba nitolbu rulings f'dan is-sens.

**L-ISPEAKER:** Awtorità u mhux awtorità kollox se nara ... L-Onor. Darren Carabott, fil-qosor.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Se nippreċiża xi ħaġa Sur President. L-istess onorevoli membri qajmu l-oġġezzjonijiet tagħhom waqt il-kumitat. Dan ir-ruling qed nitolbu f'ismi bħala President tal-Kumitat. Ir-ruling għandu jiġi limitat għat-talba tiegħi. Jekk jixtieq l-Onor. Ellul, jagħmel talba inti f'dak is-sens. Però bl-ebda mod waqt il-Kumitat tgħidu mod, tiġu hawnhekk u titolbu xi ħaġa oħra.

**L-ISPEAKER:** M'hemmx għalfejn nidħlu f'dan id-dibattitu.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Il-Kumitat ma jistax jintuża bħala ballun politiku. Il-kollega tiegħu Mark Anthony ... kien diġà tella' fuq facebook li se jiġi jiddiskuti ...

**L-ISPEAKER:** Trid tgħid fuq ir-ruling li ntalab biss. M'hemmx argumenti oħra.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Fuq ir-ruling ... Bir-rispett kollu ...

**L-ISPEAKER:** M'hemmx rispetti ...

**ONOR. ANDY ELLUL:** Ġie hawn jargumenta ... Ħaseb li se jimpressjonana. Ġaladarba se jingħata, u m'għandna l-ebda oġġezzjoni, anzi għidna ... Tittieħed inkonsiderazzjoni dak li qal l-Avukat Tonna Lowell.

**L-ISPEAKER:** Mhux problema. Serraħ moħħok li se nara kollox, inkluż li qal l-Avukat ... Awtorità, mhux awtorità ... Dak se nara kollox jien ... Imbagħad nagħti ruling. Nirringrazzjakom."

Is-Sedja tifhem li t-talba saret fid-dawl u in segwitu tad-decide tar-ruling tagħha tal-1 ta' Frar 2023, u nikkwota:

> "Dan ifisser li bi tweġiba għall-punt imqajjem miċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar f'liema istanzi xhud jista' jagħżel li ma jirrispondix, is-Sedja qiegħda ittenni li xhud jista' ma jweġibx meta jkun imputat b'reat kriminali relatat għall-materja li tkun qed tiġi diskussa, f'liema każ jinvoka d-dritt tas-silenzju, jew meta bit-tweġiba li jagħti jkun se jinkrimina lilu nnifsu. Is-Sedja tirrileva li meta xhud jagħżel li jinvoka d-dritt tas-silenzju, il-Kumitat għandu jitlob lill-istess xhud jew lill-avukat li jkun qed jassistih jew jassistiha, biex jipprovdi dettalji dwar il-proċeduri kriminali li jkun hemm pendenti quddiem il-Qorti fil-konfront tax-xhud li huma relatati mal-materja li qed tiġi trattata mill-Kumitat. Fil-mankanza ta' dan, ix-xhud jibqagħlu dejjem id-dritt li jagħżel li ma jweġibx domandi li jistgħu jinkriminawh, u dan kif ukoll stabbilit mill-Qrati u mil-linji gwida dwar ix-xhieda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi."

Is-Sedja tifhem li ċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi qiegħed jikkontendi li bit-tweġiba tiegħu, ix-xhud irrenda ruħu suġġett għal prima facie ksur ta' privileġġ taħt l-Artikolu 11 tal-Kap. 113.

Is-Sedja ħadet nota tat-tweġibiet mogħtija mill-avukat tax-xhud meta mistoqsi jekk, meta qed jinvoka d-dritt tas-silenzju, huwiex jagħmel dan għaliex huwa imputat b'reat kriminali dwar materja li qed tiġi diskussa fil-Kumitat. Dan fid-dawl tar-ruling fuq ċitat li jirrifletti wkoll dak li qalet il-Qorti u ċjoè li:

> **"persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju".**

Is-Sedja nnotat ukoll li x-xhud, tramite l-avukat tiegħu, għażel li ma jinvokax id-dritt li ma jweġibx domandi li jistgħu jinkriminawh minkejja li huwa seta għamel użu mil-linja gwida 19 li kjarament u **<u>mingħajr kwalifiki</u>** tipprovdi għal dan u nikkowta:

*"No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her."*

Is-Sedja ħadet nota li fit-tweġiba tiegħu l-avukat tax-xhud għamel referenza għall-istadju ta' kumpilazzjoni li l-klijent tiegħu bħalissa għaddej minnu fil-kawża "Repubblika ta' Malta" vs Brian Tonna et dwar money laundering, liema kawża tkopri l-perjodu li fih seħħet il-materja li qed tiġi diskussa mill-Kumitat u ċjoè ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar l-Electrogas.

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li qal l-avukat tax-xhud li bit-tweġibiet tiegħu x-xhud jista' jikkomprometti l-linja tad-difiża li kienu beħsiebhom jieħdu fil-Qrati fir-rigward tal-kawża fuq imsemmija.

Is-Sedja qiegħda tifhem li għal dak li l-Avukat Stephen Tonna Lowell għax-xhud Karl Cini fejn qed jagħmel referenza għall-kumpilazzjoni fl-ismijiet il-Pulizija vs Brian Tonna ET fejn ir-referenza tagħha tidher li hija l-kumpilazzjoni numru 159/2021 fejn fiha hemm l-akkużi kontra Brian Tonna, Emmanuel Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited u Willerby Trade Inc Company – din tal-aħħar hija reġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittaniċi kif ukoll l-istess SPX Services Limited reġistrata fil-Gżejjer Verġni Brittaniċi – mentri l-kumpaniji l-oħra msemmija fl-akkuża dwar money laundering huma kollha reġistrati hawn Malta.

Tifhem ukoll li l-uniku dokument li saret referenza għalih fejn is-Sedja ġabet kopja tiegħu u dan inkonnessjoni mal-ordni ta' qbid u ffriżar referenza ARB/C 017/2021 fejn hawnhekk il-Qorti ordnat iż-żamma f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali, il-flus u kull proprjetà mobbli, oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' Brian Tonna, Manuel (Emmanuel) Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited u Willerby Trade Inc fejn l-istess qorti tipprojbixxi lill-akkużati – u allura inkluż Karl Cini – milli jittrasferixxu, iwiegħdu, jipotekaw jew jibdlu jew jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnhom, u dan *ai termini* tal-Artikolu 36 tal-Att dwar Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istess qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà tal-imsemmija akkużati inkluż il-kumpaniji diġà indikati u li tipprojbixxi milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk l-istess Qorti awtorizzat lill-istess akkużati inkluż Karl Cini li huma persuni fiżiċi li jirċievu l-ammont previst mil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 5(1) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma jeċċedix it-tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużati jindikaw b'nota minn fejn ħa jipperċepixxu dawn il-flejjes.

Il-Qorti żiedet li kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmija fl-Artikolu 35, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A tkun ħatja u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Għalhekk il-Qorti kkonkludiet fit-23 ta' Marzu 2021 li kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Is-Sedja rat ukoll dak li kellu xi jgħid dwar dawn il-proċeduri l-istess ta' Karl Cini fejn fil-qosor is-Sedja tagħmel referenza għal xi brani li qal fis-seduta tal-bieraħ stess tal-Public Accounts Committee fejn is-Sedja tifhem li hemm domandi li kif spjega tajjeb l-Avukat Stephen Tonna Lowell m'għandhomx isiru u allura għandu d-dritt, anke jekk isiru, Karl Cini għandu d-dritt għas-silenzju totali. Dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri li huma *sub judice.*

B'mod minnufih is-Sedja tirrimarka li kull domanda fejn għandhom x'jaqsmu l-istess persuni akkużati fl-istess kumpilazzjoni Nru 159 jiġifieri kull domanda li tista' ssir dwar il-kumpannija Nexia BT, dwar il-persuna ta' Brian Tonna, dwar il-persuna ta' Manuel Castagna, dwar il-persuna ta' Marie Katrin Bondin Carter u dwar il-kumpanniji msemmija Nexia BT Advisory Services Limited, Nexia BT diġà msemmija, BTI Management Limited u l-kumpanniji l-oħra kollha msemmija, inkluż dawk li huma reġistrati barra minn Malta – SPX Services Limited u Willerby Trade Inc – li kull domanda li tista' ssir fil-konfront ta' dawn diġà indikati, il-persuna ta' Karl Cini għandha d-dritt tas-silenzju totali u dan jekk isiru domandi relatati ma' din il-proċedura. Dan għaliex ovvjament dak id-dritt joħroġ mill-fatt li l-istess persuna jew kumpanija huma diġà parti minn akkużi li qegħdin fi stadju ta' kumpilazzjoni. Għalhekk, il-fatt li diġà hemm l-akkuża kif deskritta ċara dwar money laundering, is-Sedja tħoss li d-dritt tas-silenzju hawnhekk għandu jkun garantit.

Min-naħa l-oħra dak li qal l-Avukat Stephen Tonna Lowell, u nikkwota:

> "Il-proċeduri pendenti huma Republika ta' Malta kontra Brian Tonna et. Apparti dak li għidna l-aħħar darba, li aħna suspettati formalment f'inkjesta maġisterjali, u nemmnu li d-dritt tas-silenzju japplika wkoll ... Nafu li d-dritt tas-silenzju japplika wkoll meta inti suspettat u mhux meta inti akkużat biss. Mhux qed nikkontesta r-ruling, però l-pożizzjoni tagħna hija dik. Il-punt huwa li fil-proċeduri li għadni kif semmejt Repubblika ta' Malta kontra Brian Tonna et, Karl Cini u l-akkużati kollha huma akkużati b'ħasil ta' flus mill-2005 sal-2019 mingħajr ebda spjegazzjoni ta' xiex qed jirreferi ħasil ta' flus. L-akkuża per se ma tgħidx: din fuq din; din fuq l-oħra. Il-provi tal-prosekuzzjoni għadhom miftuħin, għadhom ma għalqux. Jistgħu għad iġibu l-provi. Hemm inkjesti għaddejjin, li jistgħu jinġiebu wkoll bħala provi."

Kompla jgħid ukoll:

> "Kont qed nispjega li l-akkuża ta' ħasil tal-flus li hemm fil-konfront ta' Karl Cini u d-diversi kumpaniji, u persuni oħra, huma akkużi f'perijodu ta' żmien ta' 14-il sena, 2005 sal-2019. Fiċ-charge ma hemm ebda ness ma' każ jew ieħor. Il-provi tal-prosekuzzjoni għadhom miftuħa. Għadhom ma għalqux. Ma nistgħux ngħidu li mhumiex relatati."

Ikompli jgħid:

> "That is point one. Point two huwa l-fatt li mid-domandi li smajt l-aħħar darba hawnhekk, domandi relatati pereżempju ma' relazzjoni ma' persuni oħra, m'għandix għalfejn insemmihom; però ssemmgħu kif sirt tafu, x'relazzjoni kellek miegħu, x'għamilt u x'ma għamiltx. Dawn huma domandi li jimpinġu direttament mhux fuq l-ElectroGas biss, imma anke fuq il-kawża li hemm pendenti, u fuq inkjesti li issa

> jiffurmaw parti minn dik il-kawża kriminali. Allura aħna qegħdin insostnu li l-ewwel: ir-ruling huwa ċar, jagħtina d-dritt tas-silenzju ...”

F’dan il-kontest is-Sedja qiegħda, wara li f’din is-seduta ġiet a konjizzjoni tal-proċeduri tal-kumpilazzjoni msemmija, b’referenza 159/2021 kif ukoll l-ordni tal-qbid u ffriżar, is-Sedja qiegħda tagħti direzzjoni lill-Public Accounts Committee li domanda, kif diġà għedt, li huma relatati mal-persuni diġà msemmija fl-akkużi jew mal-kumpaniji diġà msemmija fl-akkużi, il-persuna ta’ Karl Cini, kull meta jsiru dawk id-domandi relatati mal-akkuża ta’ din il-proċedura, għandu d-dritt li jeżerċita d-dritt tas-silenzju.

Min-naħa l-oħra fl-ebda istanza, anke jekk kemm-il darba l-istess Avukat Stephen Tonna Lowell abbilment ipprova jagħmel l-argument li ma jeskludix illi jkun hemm provi li għandhom x’jaqsmu mal-Electrogas fil-proċeduri tal-money laundering, il-fatt li ma jeskludix u l-fatt li m’hemm l-ebda akkuża fil-konfront tal-Electrogas li b’xi mod il-Public Accounts Committee għandu dokumentazzjoni jew provi illi kellu jġib f’din is-seduta l-istess Avukat Stephen Tonna Lowell, li ma ġabx, il-Public Accounts Committee għandu d-dover li jkompli l-iskrutinju tiegħu kif inhu indikat fl-Istanding Orders li jagħtu s-setgħa u x-xogħol x’għandu jsir fil-Public Accounts Committee u dan b’referenza għall-Ordni Permanenti 120E fejn għandek diversi raġunijiet għaliex jiffunzjona dan il-Kumitat; li jifli l-ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi, li jifli kull spiża, jeżamina l-kontijiet ta’ awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament, li jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-kumitat permanenti, li jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x’jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali, li jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta’ qabel dan il-paragrafu u li jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus.

Għalhekk – u dan b’referenza għal dak li tat id-direzzjoni l-istess Qorti Kostituzzjonali f’diversi sentenzi li ġew ċitati fl-aħħar ruling tas-Sedja 84 tal-1 ta’ Frar ta’ din is-sena fejn ingħad li:

> “Is-Sedja terġa’ ttenni li x-xhud – f’dan il-każ Karl Cini – jista’ ma jweġibx meta jkun imputat f’reat kriminali u allura dak kollu relatat mal-materja li tkun qiegħda fir-reat ikkonċernat u li tista’ b’xi mod tkun qiegħda tiġi diskussa fil-Kumitat Permanenti. F’liema każ għandu dritt jinvoka d-dritt tas-silenzju jew meta, bit-tweġiba li jagħti, jkun se jinkrimina lilu nnifsu.”
>
> Is-Sedja tirrileva li ladarba l-istess xhud, f’dan il-każ Karl Cini, jagħżel li jinvoka d-dritt tas-silenzju, il-Kumitat, kif għamel fl-aħħar seduta, għandu jitlob l-istess xhud jew lill-avukat, kif sar, li qed jassistih, biex jipprovdi d-dettalji dwar dawn il-proċeduri kriminali li fil-fatt il-proċeduri li ġew ippreżentati huma l-proċeduri ta’ money laundering fejn hemm inkluż l-imputat Karl Cini li huma pendenti quddiem il-Qorti fil-konfront tiegħu. Imma ladarba jidher ċar li m’hemm l-ebda prova s’issa li l-materja li qed tiġi diskussa li huwa rapport dwar l-Electrogas mill-Awditur Ġenerali, għall-fini tas-setgħat li għandu l-Public Accounts Committee, li kif qalet tajjeb il-Qorti stess f’diversi istanzi, dan mhuwiex tribunal imma huwa kumitat biex jirrapporta dwar l-immaniġġar tal-flus, tal-finanzi tal-pajjiż lill-Parlament, għaldaqstant huwa ċar li fil-konfront ta’ domandi li għandhom jiġu intavolati mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, għandhom isiru u kellhom isiru b’mod li x-xhud jagħżel hu jekk jirrispondix

> peress li setgħu jinkriminawh imma mhux jeżerċita d-dritt tas-silenzju b'mod mifuħ, inkondizzjonat u b'mod mhux ikkontrollat."

Għaldaqstant il-fatt li diversi domandi li saru mill-Kumitat Permanenti, speċjalment fl-aħħar parti tal-laqgħa tal-bieraħ u x-xhud Karl Cini xorta eżerċita d-dritt assolut tas-silenzju, is-Sedja tħoss illi s-Sur Karl Cini rrenda ruħu ħati ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ u dan bi ksur tal-artikli 8 u 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113.

Is-Sedja tħoss li fiċ-ċirkostanzi kollha kif dettaljatament spjegati f'dan ir-ruling, qiegħda tagħti l-aħħar opportunità lix-xhud Karl Cini biex jirregola ruħu ma' dan ir-ruling.

Fin-nuqqas ta' dan is-Sedja ma jkollhiex għażla oħra li ssib lix-xhud Karl Xini bħala prima facie ħati ta' ksur ta' privileġġ ai termini tal-Artikoli 8 u 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) u jkollha tirreferih lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Is-Sedja tirrileva li dawn il-kwestjonijiet, minkejja dak li hemm fil-linji gwida kif formulati fl-2011, se jibqgħu jqumu u allura jeħtieġ li l-Kamra tara x'tista' tagħmel fir-rigward.

Hawnhekk insemmi li l-Kumitat dejjem għandu l-fakulta' li jiltaqa' fil-magħluq biex ikun jista' jaħdem aħjar. Irrid hawnhekk insemmi li punt 23 tal-Linji Gwida jgħid hekk dwar din il-miżura:

> "The Committee may concede for certain evidence to be taken *in camera* when the evidence relates to confidential matters of State or sensitive commercial Information."

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kamra għall-mod kif jaħdmu parlamenti oħra fejn ix-xhud għandu jkun kopert kompletament bil-privileġġ parlamentari u x-xhieda tiegħu ma tistax tintuża bħala evidenza quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja.

Is-Sedja diġà tenniet diversi drabi, anke waqt Diskorsi tas-Sette Giugno, li tħoss li għandhom isiru l-emendi neċessarji biex kull xhieda li tittieħed f'xi Kumitat parlamentari, speċjalment fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, bħal f'dan il-każ, ma tkunx tista' tintuża bħala evidenza fil-Qrati tal-Ġustizzja.

Ir-ruling huwa deċiż.